FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 22 TA' GUNJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit
Spettur Jurgen Vella

vs

Anthony Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 132882m akkuzat talli:

1. fix-xahar t'Ottubru 2011 f'xi hinijiet waqt li kien fil-Biccerija li tinsab fi Triq Princep Albert, Marsa ikkommeta serq ta' 'hand tools' u ghodda ohra liema serq hu ikkwalifikat bil-hin, mezz, lok, persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmu (€2329.37) u li hu ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
2. f'xi snin qabel it-23 ta' Novembru 2011 waqt li kien fil-Biccerija li tinsab fi Triq Princep Albert, Marsa ikkommeta serq ta' munizzjon (balal ta' kalibru 0.22) liema serq hu ikkwalifikat bil-hin, mezz, lok, persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmu (€2329.37) u li hu ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
3. fit-23 ta' Novembru 2011 u zminijiet qabel f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' laqa ghandu diversi ghodod, hand tools u muninzjon (balal);
4. fl-istess cirkostanzi fil-fond jew fid-dintorni tieghu/ jew ta' persuni ohra f'Razzett maghruf Wied Tfulija fiz-Zurrieq u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, zamm jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu munizzjon (balal), kif ukoll garr l-istess munizzjon minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. fl-istess cirkostanzi gie fil-pussess ta' munizzjon milli b'licenzja, u naqas li jirraporta minnfih lil-Pulizija meta akkwista dan il-munizzjon;
6. fl-istess cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe ghamel hsara fuq zewg bibien fil-Biccerija li tinsab fi Triq Princep Albert, Marsa liema hsara hija aktar minn €23.29 izda inqas minn €116.47 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
7. kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu tal-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, ta' sentenza datata 01/12/2008 fejn kien misjub hati ta' serq ta' flus;
8. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji mhux opposti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 334, 261, 262, 263, 264, 266, 267, 269, 270, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5 (1), 32 (c), u 41 tal-Kap 480 Att Dwar l-Armi.

Tiddeciedi: li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tpoggieh taht ordni ta' servizz fil-komunita' ghal 50 siegha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat